# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta’ nhar it-Hamis erbghatax (14) ta’ April 2016**

**Rikors Numru 287/12 FDP**

**Stephanie Chircop**
**(ID 397480M)**

**vs**

**Julia Farrugia (ID 288277M) u, permezz ta' digriet datat 27 ta' Gunju 2013, gie kjamat in kawza Karl Stagno Navarra (ID 364770M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fis-16 ta' Awissu 2012 fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamlet referenza ghall-artikolu intitolat '*Prezentatrici Televiziva ghall-Qorti fuq frame-up u konfoffa kriminali*' ippubblikat fil-harga ta' l-**Illum** tal-5 ta' Awissu 2012, talbet lill-Qorti tiddikjara illi tali artikolu kien libelluz u malafamanti fil-konfront taghha u ghalhekk tikkundanna lill-intimati jhallsuha danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap 248.

Rat l-Artikolu meritu tal-kawza odjerna esebit mir-rikorrenti.

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimata Julia Farrugia ippresentati fit 3 ta' Settembru 2012 fejn eccepiet, in linea preliminari, illi r-rikors kien null stante illi ma indikax f'liema kapacita' gie timharrka l-intimata Julia Farrugia, filwaqt illi sahqet, fil-meritu, illi hija ezercitat d-diligenza kollha rikjesta minn editur filwaqt illi, ghal dak li jirrigwarda l-kontenut tal-artikolu inniffsu, kienet qed tqajjem id-difizi tal-verita' tal-fatti kif ukoll tal-'fair comment' permessibbli f'socjeta civili.

Rat illi, permezz ta' digriet tas 27 ta' Gunju 2013, l-Qorti laqghet talba tal-intimata sabiex tikkjama in kawza lill-persuna illi kiteb l-artikolu, ossija Karl Stagno Navarra, liema Stagno Navarra gie debitament notifikat izda baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' **Stephanie Chircop** moghtija fid 9 ta' Novembru 2012.

Semghet ix-xhieda ta' **Julia Farrugia** moghtija fl-14 ta' April 2014.

Semghet il-kontro ezami ta' Stephanie Chircop illi saret fid 9 ta' Gunju 2014.

Semghet ix-xhieda ta' l-**Ispettur Christopher Pullicino**, stazzjonat il-Criminal Investigation Departiment fi hdan il-korp tal-Pulizija, moghtija fl-10 ta' Novembru 2014.

Semghet ix-xhieda ta' **Karl Stagno Navarra** moghtija fit 22 ta' Jannar 2015.

Semghet ix-xhieda ta' **Saviour Balzan** moghtija fil 15 ta' Gunju 2015.

Rat illi fil 15 ta' Ottubru 2015 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw u l-kawza setghet tigi differita ghas-sottomissjonijiet finali.

Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentati fit 23 ta' Ottubru 2015.

Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimata Julia Farrugia ippresentati fis 16 ta' Dicembru 2015.

Rat illi l-kjamat in kawza Karl Stagno Navarra ma' ppresenta ebda sottomissjonijiet.

Rat illi fid 29 ta' Frar 2016, dina l-Qorti ddifferiet il-kawza ghallum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti, Stephanie Chircop, hija prezentatrici televiziva u kienet ghamlet zmien tipprezenta programm fuq il-One TV u sussegwentement bdiet tippresenta programm fuq in-NET TV.

Jirrizulta illi fil-5 ta' Awissu 2012, fuq il-gurnal **Illum**, illi tieghu kienet editrici Julia Farrugia, l-intimat Karl Stagno Navarra, bhala gurnalist ta' l-istess gurnal, kiteb artikolu intitolat "*Prezentatrici televiziva ghall-Qorti fuq frame-up u konfoffa kriminali*". F'tali artikolu, Stagno Navarra jghid is-segwenti:

> *" Il-prezentatrici televiziva Stephanie Chircop mistennija titressaq il-Qorti fil-jiem li gejjin mixlija li hejjiet pjan biex l-eks ragel taghha jkun akkuzat li pprova jingabba barrani biex joqtol lis-siehed il-gdid taghha.*
>
> *Chircop, li tippresenta l-programm 'Stejjer' fuq Net Television wara li twaqqfet mid-direzzjoni tal-istazzjoni ONE Television wara li sar maghruf li kienet arrestata mill-Pulizija b'rabta mal-kaz, mistennija tiffaccja lista twila ta' akkuzi dwar konfoffa kriminali.*
>
> *Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija, jirrizulta li Chircop kienet telqet lir-ragel taghha biex bdiet relazzjoni mal-boxer skocciz Scott Dixon li, tlett snin ilu kien arrestat b'konnessjoni mal-importazzjoni ta' nofs tunnellata haxixa.*
>
> *Dixon, li ghamel diversi xhur il-habs taht arrest preventiv, kien inghata l-helsien provizorja sakemm rega tilef il-plegg xi xhur ilu u rega ddahhal il-habs.*

*Ghalkemm ir-relazzjoni bejn Chircop u Dixon issa spiccat, hareg li kien l-istess Dixon li avvicina lill-Pulizija biex jirrakkonta storja li sema minghand habib Pollakk tieghu li qallu li l-ekx ragel ta' Chirop kien weghdu €100,000 biex joqtlu.*

*Dixon mar ghand il-Pulizija b'video tal-Pollakk migbud fuq mobile, jirrakkonta fuq il-pjan ta' kif kellu jinqatel il-boxer Skocciz. Il-Pollakk izda kien laha telaq minn Malta.*

*F'investigazzjonijiet twal u kumplessi l-Pulizija rnexxilha tistabilixxi kif e-mail li 'suppost' kien intbghat mill-ekx ragel ta' Chircop ghal ghand il-Pollakk kien ghal kollox ivvintat u intiz li jaghmel frame-up.*

*Chircop kienet arrestata u nterrogata diversi drabi mill-Pulizija tas-Cyber Crime Unit flimkien mad-Dipartiment ghall-Investigazzjoni Kriminali (DIK).*

*Ghal xhur shah il-Pulizija segwiet l-attivita' kollha fuq il-pagna Facebook ta' Chircop, Dixon u l-Pollakk.*

*Filwaqt illi l-Pulizija zgurat biex il-Pollakk jingieb lura Malta fejn kien arrestat, dan l-ahhar ammetta li l-pjan kien kollu "vvintat" u d-diskors tieghu fil-vidjo kienet gidba, tant li anki meta l-eks ragel ta' Chircop kien imsejjah id-Depot, il-Pollakk lanqas gharfu jew kien jaf min kien.*

*Il-Pollakk spjega lill-Pulizija li kienet Chircop li avvicinatu u hajjritu biex ikun parti mill-pjan.*

*S'issa l-Pulizija ghadha ma stabbilitx ir-rwol ta' Scott Doxon fil-jan u ghandu mhux maghruf jekk hux ser jitressaq il-Qorti."*

Jirrizulta illi, apparti tali artikolu, fl-ewwel faccata tal-gazzetta gie ppubblikat ritratt tar-rikorrenti flimkien ma' Scott Dixon bil-kliem '*Prezentatrici televiziva ghall-Qorti*" filwaqt illi fir-raba pagna, fejn gie ippubblikat l-artikolu, hemm ritratt kbir tar-rikorrenti tinghata bewsa minn Scott Dixon.

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrenti, illi r-rikorrenti, ghalkemm mhux mizzewga, kellha relazzjoni ma' Silvio Scerri, li minnu hija kellha t-tfal u eventwalment, meta r-relazzjoni taghhom spiccat, hija bdiet relazzjoni ghal xi zmien ma' Scott Dixon, li eventwalment intemmet wkoll.

Jirrizulta wkoll, mix-xhieda tar-rikorrenti, illi hija kellha programm televiziv fuq l-istazzjoni One TV u sussegwentement twaqqfet u bdiet tipproduci programm fuq Net TV.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-ispettur Chris Pullicino, illi kien qieghed jinvestiga l-kaz, illi f'Novembru 2011, ir-rikorrenti, flimkien ma' Scott Dixon, marret ghand il-Pulzija u wriet video ta' persuna ta' nazzjonalita' pollakka bl-isem ta' Carol, illi jidher jghid lill-persuna ohra illi huwa kien tqabbad minn Silvio Scerri sabiex joqtol lill Scott Dixon.

Jirrizulta, mill-istess xhieda ta' l-Ispettur Chris Pullicino, illi sussegwentement infethet inkjesta u kien gie arrestat u investigat Silvio Scerri izda, filwaqt li l-Inkjesta kienet ghadha

mhix maghluqa fid-data li xehed l-Ispettur, jigifieri fl-10 ta' Novembru 2014, kien irrizulta li Silvio Scerri ma kellu ebda involviment fil-kaz.

Jirrizulta wkoll, mill-istess xhieda ta' l-Ispettur Pullicino, illi sussegwentement giet investigata ir-rikorrenti, flimkien ma' Scott Dixon u il-persuna pollakka, fuq possibbilta' ta' rapport falz, izda l-inkjesta originali kienet ghadha ma nghalqietx u passi da' parte tal-Pulizjija ghal rapport falz kienu ghandhom ma nbdewx, lanqas fil-konfront tar-rikorrenti.

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrenti, illi, madwar sena wara illi giet ippubblikata l-artikolu meritu tal-kawza odjerna, meta seduta tal-proceduri odjeri kienu gew irrappurtati fuq il-media lokali, hija attwalment kienet giet investigata mill-Pulizija dwar kaz ta' allegat frame-up u giet mizmuma arrestata ghal xi zmien mill-Pulizija, izda ebda azzjoni ma ttiehdet fil-konfront taghha mill-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mix-xhieda tar-rikorrenti, illi hija hassitha malafamati bl-artikolu kif redatt peress illi kien jallega illi hija kienet involuta f'kaz ta' "frame up u konfoffa kriminali", u li ghalih hija kienet giet arrestata u li, skond l-artikolu meritu tal-kawza odjerna u ppubblika fil-5 ta' Awissu 2012, hija kienet ser titressaq "fil-jiem li gejjin".

Jirrizulta illi r-rikorrent insistiet illi hija qatt ma kienet investigata, izda kienet marret hi, minn rajha, sabiex tghin fl-investigazzjoni tal-kaz. Insistiet wkoll illi hija qatt ma kienet arrestata mill-Pulizjia meta hareg l-artikolu, ghalkemm irrizulta li, fil-mori tal-kawza, wara illi attwalment xehdet l-istess rikorrenti, hija kienet giet arrestata mill-Pulizjia in konnessjoni ma' investigazzjoni relatata ma' rapport falz.

Jirrizulta, mix-xhieda ta' l-Ispettur Chris Pullicino, illi mexxa l-investigazzjoni, illi kienet r-rikorrenti li gharrfet lill-Pulizija bil-kaz ta' attentat ta' qtil ta' Scott Dixon da' parte ta' l-ex-sieheb taghha Silvio Scerri, u illi sussegwentement, wara li saru l-investigazzjonijiet necessarji, ghalkemm l-Inkjesta kienet ghadha ma nghalqietx, r-rikorrenti kienet giet arrestata fuq suspett illi kienet ghamlet rapport falz lill-Pulizija fil-konfront ta' l-ex sieheb taghha, Silvio Scerri.

**Ikkunsidrat**

L-intimata Julia Farrugia, fid-difiza minnha mressqa, tinsisti illi l-istorja, illi inkitbet mill-intimat Karl Stagno Navarra, kienet ibbazata fuq fatti illi kienu verosimili u li, da parte taghha, hija hadet hsieb illi tassikura illi certi dettalji personali tar-rikorrenti ma jigux imsemmija fl-artikolu miktub mill-intimat Stagno Navarra.

L-intimat Karl Stagno Navarra, da parte tieghu, jishaq illi l-istorja minnu miktuba kienet ibbazata fuq informazzjoni illi kien ottjena minghand il-Puluzija u, ghalkemm ma kienx jaf jekk attwalment ir-rikorrenti tressqietx il-Qorti akkuzata "fuq frame-up u konfoffa kriminali" kif minnu allegat fl-artikolu meritu tal-kawza odjerna, huwa kellu sorsi affidabbli u ghalhekk, tenut kont tal-fatt illi r-rikorrenti kienet persuna pubblika illi kienet tipproduci programm televiziv, hass illi kellu jippubblika l-istorja.

**Ikkunsidrat**

Kif stqarret il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Dr. Louis Galea vs Dr. Joe Mifsud** fit-23 ta' Marzu, 2009,

> *"f'kawzi bhal prezenti, u cioe f'kawza ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt f'socjeta' demokratika li wiehed jghid u jesprimi ruhu u jsemmi l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta' kull cittadin li jgawdi reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika."*

Il-Qorti tal-Appell, imbghad, fl-istess kawza deciza fit-3 ta' Frar, 2012 ziedet tghid li

> *"gurnalizmu investigattiv ghandu jinghata ampja protezzjoni f'socjeta' demokratika, anke jekk certi allegazzjonijiet jigu michuda minn dak milqut, il-gurnalist dejjem jibqalghu d-dritt li jinvestiga u jistharreg fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Ligi. F'dak li jsir gurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirrizulta zball genwin, jista' wkoll ikun tollerat."*

Fis-sentenza **Dr Sandra Caruana vs Joe Mifsud**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-24 ta' Settembru 2004, intqal illi:-

> *"hi gurisprudenza, tista' tghid kostanti, tal-qrati taghna, li meta si tratta ta' kliem li huma fihom infushom ingurjuzi, l-animus injuriandi huwa prezunt...... Fil-fehma ta' din il-Qorti il-kliem, b'referenza ghall-kelma malafama" fl-Artikolu 28(1), "...li l-ghan taghha jkun li tellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna..." (fit-test Ingliz "...the object of which is to take away or injure the reputation of any person...") ma jirriferux ghal xi intenzjoni specifika jew motiv ulterjuri li jrid ikollu l- awtur tal-kitba, l-editur jew il-persuna responsabbli ghall- pubblikazzjoni, izda jirreferu ghat-tendenza tal-kliem stampat jew tal-kliem imxandar li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta'dak li jkun".*

Kif qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza **Fresos & Roire vs France**

> *"the press plays an important role in a democratic society, although it must not overstep certain bounds, in particular in respect of reputation and rights of others. People exercising freedom of expression including journalists undertake duties and responsibilities."*

Fl-ahhar nett, kif gie osservat mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza '**Sylvana Debono vs Alexander Farrugia**', deciza fis-27 ta' Jannar, 2016.

> *Id-dritt tal-liberta tal-espressjoni m'huwiex licenzja biex thammeg ir-reputazzjoni ta' haddiehor u mbaghad tipprova tistahba wara dan id- dritt.*

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi kollha kif prodotti, illi ghalkemm l-artikolu kien ibbazat fuq fatti illi gew korroborati mill-Ispettur Chris Pullicino, il-konkluzjonijet milhuqa mill-artikolist Karl Stagno Navarra kienu, f'certi istanzi, skorretti u certament tali li setghu facilment jnaqqsu ir-reputazzjoni tar-rikorrenti lill-qarrej komuni illi jkun qed jaqra l-artikolu meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta, di fatti, illi ghalkemm l-artikolu jghid illi r-rikorrenti kienet ser titressaq il-Qorti "*fil-jiem li gejjin*" u dana fuq akkuzi ta' "*frame up u konfoffa kriminali*", sal-gurnata tal-pubblikazzjoni ta' dina s-sentenza, ebda proceduri ma ttiehdu kontra r-rikorrenti, ghalkemm rappresentant tal-Puluzija stqarr illi kienu ghandhom qed jinvestigaw il-kaz, tlett snin wara.

Jirrizulta wkoll illi, ghalkemm l-artikolu jallega li r-rikorrenti "twaqqfet" milli tkompli tmexxi programm fuq One TV "*wara li sar maghruf li kienet arrestata mill-Pulizija b'rabta mal-kaz*", ma ingiebet ebda prova sabiex tissustanzja tali allegazzjoni, ghalkemm dana seta kien facilment prodott.

Jirrizulta finalment illi, a differenza ta' dak allegat tul l-artikolu kollu, fil-mument illi inkiteb l-artikolu inniffsu, r-rikorrenti qatt ma kienet arrestata mill-Pulizija, kif del resto kkonfermat mill-Puluzija stess, u kien biss madwar sena wara illi gie ippubblikat l-artikolu u l-kaz odjern deher irrappurtat fuq il-media lokali illi r-rikorrenti attwalment kienet giet arrestata.

Jirrizulta, minghajr ebda dubju, illi l-fatt li jinkiteb f'artikolu li "*prezentatrici televiziva ... mistennija titressaq il-Qorti fil-jiem li gejjin*" kif ukoll illi kienet "*arrestata mill-Pulizija b'rabta mal-kaz*" meta attwalment tali fatti ma kienux veri fil-mument illi inkiteb l-artikolu minnhom innfushom ghandhom jitqiesu bhala sufficjenti biex l-artikolu jitqies bhala libelluz u malafanti fil-konfront tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi mressqa mill-intimati, illi l-intimata Julia Farrugia, bhala editur, ghamlet il-verifiki kollha necessarji ma' l-intimat Karl Stagno Navarra, dwar il-kontenut ta' l-artikolu u, di fatti, kif kkonfermat mill-intimat Stagno Navarra stess, hija nehhiet verji kummenti illi deherilha li kienu personali fuq ir-rikorrenti filwaqt illi zammet il-kumplament ta' l-artikolu wara konferma, da parte ta' Stagno Navarra, illi l-istorja kellha bazi fondata.

Tali azzjoni da parte ta' l-intimata, Julia Farrugia, bhala editrici, certament ma jiskulpahiex mir-responsabbilta' ta' l-artikolu, madanakollu, certament jimmilita favur taghha meta l-Qorti tikkunsidra d-danni illi ghandha ssofri l-intimata Julia Farrugia, bhala editrici, a differenza ta' Karl Stagno Navarra, illi kien l-mohh u l-awtur ta' l-artikolu kollu u li, finalment, irid jinzamm responsabbli ta' dak kollu illi huwa kiteb.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semghet il-provi prodotti u rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent u l-intimata Julia Farrugia

**Tghaddi** biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimata,

**Tilqa** t-talbiet attrici u ghalhekk

**Tiddikjara** l-artikolu intitolat '*Prezentatrici Televiziva ghall-Qorti fuq frame-up u konfoffa kriminali*' ippubblikat fil-harga ta' l-**Illum** tal-5 ta' Awissu 2012 bhala malafamanti u libelluz fil-konfront ta' Stephanie Chircip, u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimata Julia Farrugia ihallas lir-rikorrent is-somma ta' mitejn Euro (€200) in linea ta' danni a tenur tal-Kap 248.

**Tikkundanna** lill-intimat Karl Stagno Navarra ihallas lir-rikorrenti is-somma ta' elf u tmien mitt Euro (€1800) in linea ta' danni a tenur tal-Kap 248 u

Spejjez tal-kawza huma pagabbli lir-rikorrent u ghandhom jigu sopportati, kwantu ghal disa partijiet minn ghaxra, mill intimat Karl Stagno Navarra u kwantu ghal parti minn ghaxra mill-intimata Julia Farrugia.

Imghax hija dovuta skond il-ligi mill-intimati fuq is-somma lilhom ikkundannat mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur